**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 549/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Darryl Farr)**

**vs.**

**Joanne Cassar**

Illum id-29 ta' April 2025

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil Joanne Cassar, bint Salvu u Pauline Tabone nee' Livori, imwielda Pietà nhar l-24 ta' April 1979, residenti 129, Triq San Pawl, Bormla, detentriċi tal-karta ta' l-identità Maltija bin-numru 214679M.

Akkużata talli:

Bejn il-31 ta' Marzu 2019 u l-15 ta' Novembru 2021 waqt li inti kont impjegata ġewwa l-ħanut bl-isem Hasta La Vista li jinstab ġewwa Triq Sant Antnin

Marsaskala, b'diversi azzjonijiet magħmula minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda, sraqt flus kontanti minn ġewwa l-*cash register* tal-istess stabbiliment liema ammont totali huwa ta' 70,420 Euro liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37 Euro) u bil-persuna u dan għad-dannu ta' Redent Briffa (Art. 18, Art. 261, Art. 261(c), Art. 261 (d), Art. 267, Art. 268, Art. 279(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat li matul l-eżami tal-imputata fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2022, ai termini ta' l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputata tenniet li ma kienitx ħatja ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.[1]

Rat li l-Avukat Ġenerali nhar is-7 ta' Settembru 2023 ippreżenta formalment l-artikoli tal-ġudizzju ta' liema l-imputata għandha tiġi aġġudikata minn din il-Qorti u tinstab ħatja u ċioe:

1. Fl-artikoli 18, 20, 261, 267, 268, 279, 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 15A, 17, 23, 23B, 23Ċ, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Settembru 2023, din il-Qorti, wara li ġew moqrija l-istess artikoli tal-ġudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, staqsiet lill-imputata jekk kellhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputata żmien xieraq biex twieġeb għal din il-mistoqsija, wieġbet li ma kellhiex oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u l-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess

[1] Folio 12 ta' l-atti proċesswali
[2] Folio 348 ta' l-atti proċesswali

ai termini tal-Artikolu 370(3)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.[3]

Rat illi waqt l-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2024 l-imputata Joanne Cassar b'mod volontarju rreġistrat ammissjoni inkondizzjonata għall-imputazzjonijiet dedotti kontriha, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-imputata wara li l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatha u wissietha solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkonċedietilha żmien biżżejjed sabiex terġa' tikkonsulta ma' l-avukat tal-fiduċja tagħha u tikkonsidra t-tweġiba tagħha u, jekk ikun il-każ, terġa lura minnha.[4]

Rat li l-imputata reġgħet tenniet u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tagħha.[5]

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputata l-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li ssibha ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputata.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tagħha, l-imputata effettivament mhux ħatja tar-reati addebit lilha. Il-Qorti tqis, għalhekk li l-akkużi huma sodisfaċentament ippruvati.

Rat il-fedina penali ta' l-imputata aġġornata sa l-24 ta' Awwissu 2022.[6]

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti mill-partijiet.

---

[3] Folio 349 ta' l-atti proċesswali
[4] Folio 377 ta' l-atti proċesswali
[5] Folio 377 ta' l-atti proċesswali
[6] Folio 9 ta' l-atti proċesswali

Rat illi l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha nhar il-5 ta' Lulju 2023.[7]

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati, ħadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw finalment fl-udjenza tat-3 ta' Frar 2025.[8]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[9]

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-każ imur lura għal perjodu ta' bejn il-31 ta' Marzu 2019 u l-15 ta' Novembru 2021 u jirrigwarda r-reat kontinwat ta' serq minn ġewwa ħanut bl-isem Hasta La Vista fi Triq Sant Antnin, Marsaskala fejn l-imputata Joanne Cassar kienet taħdem bħala kaxxiera mad-derubat Redent Briffa. Tali reat ta' serq huwa ikkwalifikat kemm bil-valur u kif ukoll bil-persuna.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizzjonata ta' l-imputata għal l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru 2024 din il-Qorti m'għandhiex għażla oħra għajr li issib lill-istess imputata ħatja tar-

---

[7] Folio 343 ta' l-atti proċesswali
[8] Folio 379 ta' l-atti proċesswali
[9] Folio 379 ta' l-atti proċesswali

reati addebiti fil-konfront tagħha u għalhekk ser tgħaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tagħha.[10]

Illi għal-finijiet ta' piena li għandha tiġi erogata l-Qorti qieset, b'żieda maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, is-segwenti fatturi:

1. Fl-atti tinsab il-fedina penali ta' l-imputata aġġornata sa l-24 ta' Awwissu tas-sena 2022.[11] Sa dakinhar il-fedina penali kienet netta u ma jinsabu ebda sentenzi reġistrati kontriha.

2. L-imputata ma ammettietx fl-ewwel okkażjoni li setgħet u fl-aktar stadju bikri. Fil-fatt irreġistrat ammissjoni fi stadju avvanzat tal-proċeduri wara ċirka sentejn minn l-inizju tal-proċeduri, wara l-ħruġ ta' l-artikoli tal-ġudizzju minn l-Avukat Ġenerali u kif ukoll wara l-għeluq tal-provi tal-prosekuzzjoni.[12]

3. Il-Qorti qieset il-ġurisprudenza nostrana u dik ta' Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-ħati jammetti l-ħtijiet tiegħu fi stadju kmieni tal-proċess u b'hekk jiffranka ħafna xogħol u spejjeż inutli għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għall-każ **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[13], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[14], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[15] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**[16].

4. Illi fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, stante li l-Qorti kienet għadha ma bdietx il-proċess li tevalwa l-provi, tqis li l-ammissjoni saret fi stadju raġonevoli u għandha titqies bħala attenwanti favur l-imputata.

---

[10] Folio 377 ta' l-atti proċesswali
[11] Folio 9 ta' l-atti proċesswali
[12] Folio 377 ta' l-atti proċesswali
[13] Qorti Kriminali, deċiża 24/2/1997
[14] Qorti tal-Appell Kriminali, 7/7/2002
[15] Thomson Reuteurs, S-29
[16] Blackstone Press Limited – 2006 edition

5. Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi.

6. Illi l-imputata irrilaxxjat stqarrija fejn wieġbet għall-maġġoranza tad-domandi li sarulha w ikkoperat mal-pulizija. L-imputata għażlet li ma tiffirmax l-istqarrija.[17]

7. Il-Qorti ikkunsidrat il-gravità tar-reati li l-imputata qed tammetti għalihom tenut kont li seħħew meta l-imputata kienet taħdem bħala kaxxiera fil-ħanut tad-derubat. Jirriżulta illi l-imputata waqt il-qadi ta' dan ix-xogħol kisret il-fiduċja fdata lilha u serqet l-ammont sostanzjali ta' €70,420.

8. Illi għalhekk tali reat ta' serq huma meqjus ikkwalifikat bil-valur skond l-artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u bil-persuna skond l-artikolu 268 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant ai termini ta' l-artikolu 280(1) tal-Kodiċi Kriminali din il-Qorti għandha tagħti piena mhux fil-minimu tagħha.

9. Illi skond l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali meta l-liġi tiddisponi espressament li l-piena m'għandhiex tingħata fil-minimu, il-piena li għandha tingħata għandha dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimu u l-massimu.

10. Illi fuq ammissjoni ta' l-imputata għar-reati addebiti kontriha, l-Qorti ikkunsidrat li ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dwar reat kontinwat, l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi.

11. Illi l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi fi żmien il-kummissjoni tar-reat l-imputata kien tbagħti mill-vizzju tad-droga u li illum ħarġet

[17] Folio 7-8 ta' l-atti proċesswali

minnu. Dan hekk kif jirriżulta minn l-istqarrija ta' l-imputata stess u anke mis-sottomissjonijiet li saru mill-partijiet waqt it-trattazzjoni finali.[18]

12. Illi l-prosekuzzjoni issottomettiet li l-Qorti għandha tikkunsidra Ordni ta' *Probation* fil-massimu tagħha skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll sabiex tqiegħdha taħt Ordni ta' Trattament skont it-termini ta' l-artikolu 412D sabiex tindirizza l-problema tad-droga.[19]

13. Illi d-difiża issottomettiet li filwaqt li taqbel perfettament mal-prosekuzzjoni għar-rigward piena alternattiva għal dik karċerarja u ċioe li l-imputata tingħata Ordni ta' *Probation* fil-massimu tagħha, id-difiża ma qablitx li l-imputata għandha tingħata Ordni ta' Trattament u dana stante illi illum l-imputata hija ħielsa mill-problema tad-droga li kienet tbagħti minnha fil-perjodu ta' żmien meta seħħ ir-reat.[20]

14. Illi filwaqt li l-Qorti m'hijiex bl-ebda mod marbuta ma' dak li jissottomettu l-partijiet tara li din il-piena hija waħda legalment proponibbli u fil-parametri tal-liġi skond il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

15. Illi ai termini ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-perjodu ta' Ordni ta' *Probation* li l-Qorti għandha tagħti m'għandux ikun inqas minn sena (1) u mhux aktar minn tliet (3) snin.

16. Illi l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni illi qabel ma bdiet din il-kawża l-imputata kienet ġia ħallset parti mill-flus li hi serqet mingħand d-derubat fl-ammont ta' sbatax-il elf Ewro (€17,000). Illi dan jirriżulta kemm minn

---

[18] Folio 7-8 u 383-384 ta' l-atti proċesswali
[19] Folio 383-384 ta' l-atti proċesswali
[20] Folio 383-384 ta' l-atti proċesswali

l-istqarrija ta' l-imputata stess, mix-xhieda tad-derubat innifsu u anke mis-sottomissjonijiet li saru mill-partijiet waqt it-trattazzjoni finali.[21]

17. Illi l-Qorti kkonsidrat dak ivverbalizżat mill-partijiet fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2024 u ċioe li fil-mori tal-proċeduri intlaħaq ftehim formali bejn il-parti leża u l-imputata dwar ir-rifużjoni tal-bilanċ ta' l-ammont misruq.[22]

18. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll dak ivverbalizzat mill-partijiet fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2024 u ċioe illi d-derubat u l-imputata laħqu ftehim formali bejniethom dwar ir-rifużjoni tal-bilanċ ta' l-ammont misruq.[23]

19. Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi ħames prinċipji li għandhom jiġu segwiti fl-impożizzjoni tal-piena u ċioe, "*(a) the punishment of offenders, (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence), (c) the reform and rehabilitation of offenders, (d) the protection of the public, and, (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence*".

20. Illi minn dak li rat u eżaminat il-Qorti jirriżulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputata iżda trid ssib bilanċ bejn il-gravità tal-każ u l-ħarsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-soċjetà in ġenerali sabiex tara li dan ir-reat ma jerġax jiġi kommess kif ukoll tagħti l-ħarsien meħtieġa lil pubbliku u dan fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' kif seħħ il-każ.

21. Illi l-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li ssemmew aktar qabel u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet tqis li piena karċerarja b'mod effettiv mhux ser tkun l-aktar

[21] Folio 7-8, 14-28 u 383-384 ta' l-atti proċesswali
[22] Folio 377 ta' l-atti proċesswali
[23] Folio 377 ta' l-atti proċesswali

piena idonea f'dan il-każ u temmen illi piena alternattiva għall-inkarċerazzjoni ser tirrendi aktar riżultat tenut kont tal-fatt li l-Qorti trid tħares lejn ir-riforma tal-persuna. Għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa interess tas-soċjetà u tal-imputata li hija titqiegħed taħt Ordni ta' *Probation*.

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 15A, 17, 18, 20, 23, 23B, 23Ċ, 31, 261, 267, 268, 279, 280, 281, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil **Joanne Cassar** fuq ammissjoni tagħha stess, **ħatja** tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha u tpoġġiha taħt **Ordni ta' *Probation*** għall-perjodu ta' **tlett (3)** snin mil-lum b'dan li għal dan l-iskop qiegħda tordna li l-ħatja titqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-*Probation* indikat lilha mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' *probation* u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dik l-ordni u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' *probation*, tista' tingħata sentenza għar-reati li tagħhom tinstab ħatja b'din is-sentenza.

Il-ħatja tiddikjara li taqbel ma' tali ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' *Probation* għandhom jiġu trażmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-*probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħatja.

L-uffiċjal tal-*probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

**Komunika:** Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole

In oltre, il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' **Ordni ta' Trażżin** kontra l-ħatja a favur ta' Redent Briffa għal perjodu ta' **tlett (3) snin** mid-data ta' din is-sentenza u li għandha tagħti effett għal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412Ċ(3)(6)(8)-(11) li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

**Komunika:** Kummissarju tal-Pulizija

Fid-dawl tal-ħruġ ta' l-Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputata, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikoli 383, 384, 385 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba ta' l-Avukat Ġenerali sabiex tapplika l-provvediment 15A u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi fil-mori tal-proċeduri intlaħaq ftehim formali bejn il-parti leża u l-imputata dwar ir-rifużjoni tal-bilanċ ta' l-ammont misruq.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba ta' l-Avukat Ġenerali sabiex tapplika dak li jipprovdi l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**Mogħtija illum nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Maġistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Reġistratur**